

# Investiment Maġġuri fil-Qalba tal-Mellieħa

Ir-riġenerazzjoni ta' Misraħ il-Parroċċa se jfisser nifs ġdid għaċ-ċentru tal-lokalità Melliħija. Dan huwa investiment kapitali li huwa fost l-akbar li qatt sar fil-qalba tal-Mellieħa.

Dan il-proġett tant bżonjuż sar b'kofinanzjament mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu u Infrastructure Malta u ra numru ta' bidliet infrastrutturali neċessarji li wasslu biex il-pjazza jkollha pavimentar ġdid kif ukoll servizzi bażiċi iżjed moderni milli kellha qabel.

Il-mixja għal dan il-proġett maġġuri involviet konsultazzjoni estensiva mar-residenti kif ukoll mal-għaqdiet kollha involuti fil-festa sabiex id-dehra ġdida tal-pjazza tkun waħda li tirrispetta l-ħtiġijiet u t-tradizzjonijiet li dejjem sawru l-Mellieħa.

Dan il-proġett jirrifletti wkoll il-viżjoni tal-Gvern li permezz tagħha pajjiżna jkompli jaġġorna l-prodott turistiku tiegħu. It-titjib fil-prodott huwa kruċjali biex il-gżejjer Maltin jibqgħu kompetittivi fid-dinja turistika.

Il-Mellieħa hija fost il-lokalitajiet ewlenin li ta' kull sena tiġbed lejha eluf ta' turisti. M'hemmx dubju li r-riġenerazzjoni ta' din il-pjazza se tkun valur miżjud fl-offerta ta' kwalità li joffri dan il-villaġġ pittoresk għal kull min iżuru.

